Fil-qasam tal-ġustizzja ċivili, il-proċeduri u l-proċedimenti pendenti mibdija fi tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni se jkomplu skont il-liġi tal-UE. Il-Portal tal-e-Ġustizzja, abbażi tal-ftehim reċiproku mar-Renju Unit, se jżomm l-informazzjoni rilevanti marbuta mar-Renju Unit sa tmiem l-2024.

Qrati speċjalizzati nazzjonali

Skozja

Din il-paġna tiddeskrivi xi qrati speċjalizzati fl-Iskozja.

Qrati amministrattivi

L-Att tal-2007 dwar it-Tribunali u l-Qrati (*The Tribunals and Courts Enforcement Act 2007*) ħoloq struttura unifikata waħda għall-parti l-kbira tat-tribunali riżervati għall-Gvern tar-Renju Unit, li jinqasmu fi Tribunal tal-Ewwel Istanza (*First-tier Tribunal*) u Tribunal Superjuri (*Upper Tribunal*). Kull wieħed mit-Tribunal tal-Ewwel Istanza u t-Tribunal Superjuri għandu awli separati li jkopru suġġetti differenti, li jiġbru flimkien ġuriżdizzjonijiet simili. Id-dettalji tat-tribunali jinsabu fis-sit web tas-Servizz tal-Qrati u t-Tribunali tal-Maestà Tagħha (*Her Majesty's Courts and Tribunals Service - HMCTS*).

L-Att tal-2014 dwar it-Tribunali (l-Iskozja) (*The Tribunals (Scotland) Act 2014*) joħloq Tribunal tal-Ewwel Istanza u Tribunal Superjuri għall-Iskozja. L-ewwel tribunali ġew ittrasferiti lejn l-istruttura l-ġdida fl-1 ta' Diċembru 2016.

L-Artikolu 39 tal-Att tal-2016 dwar l-Iskozja (*Scotland Act 2016*) jippermetti li l-ġestjoni u l-operazzjoni ta' għadd ta' tribunali riżervati jiġu devoluti lill-Iskozja.

It-Tribunal tal-Ewwel Istanza tar-Renju Unit

It-Tribunal tal-Ewwel Istanza tar-Renju Unit huwa tribunal ġeneriku li l-funzjoni prinċipali tiegħu hija li jisma' l-appelli mid-deċiżjonijiet tal-gvern f'oqsma li t-tribunal ingħata l-ġuriżdizzjoni tagħhom. Għal xi finijiet, huwa għandu ġuriżdizzjoni fir-Renju Unit kollu, inkluż l-Iskozja. Attwalment it-Tribunal tal-Ewwel Istanza jinqasam f'seba' awli:

L-Awla tal-Intitolament Soċjali
L-Awla tas-Saħħa, l-Edukazzjoni u l-Kura Soċjali
L-Awla tal-Pensjonijiet tal-Gwerra u l-Kumpens għall-Forzi Armati
L-Awla tat-Taxxi
L-Awla Regolatorja Ġenerali
L-Awla tal-Immigrazzjoni u l-Aż̧il
L-Awla tal-Proprjetà

It-Tribunal Superjuri tar-Renju Unit

It-**Tribunal Superjuri** tar-Renju Unit prinċipalment, iżda mhux esklużivament, jiddeċiedi l-appelli li jirriżultaw minn deċiżjonijiet tat-Tribunal tal-Ewwel Istanza tar-Renju Unit. Dan it-tribunal huwa Qorti superjuri tar-Reġistri (*superior Court of Record*) u għandu wkoll is-setgħa li jittratta kawżi ta' stħarriġ ġudizzjarju f' ċerti ċirkustanzi.

It-**Tribunal Superjuri** tar-Renju Unit jikkonsisti fi:

L-Awla tal-Appelli Amministrattivi
L-Awla tal-Artijiet
L-Awla tat-Taxxi u l-Kanċellerija
L-Awla tal-Immigrazzjoni u l-Aż̧il

Karatteristika tat-tribunali hija l-għarfien espert tagħhom fis-suġġett tal-appelli. L-istruttura hija tali li l-imħallfin ikunu esperti fil-liġi tal-ġuriżdizzjoni tagħhom u l-membri li ma jkunux ġejjin mill-qasam legali jkunu kkwalifikati professjonalment jew ikkwalifikati bl-esperjenza fil-qasam tagħhom. Il-kulleġġ ġudikanti għal tipi individwali ta' appelli jvarjaw skont is-suġġett tal-appell.

It-Tribunal Industrijali (*Employment Tribunal*) u t-Tribunal tal-Appelli Industrijali (*Employment Appeal Tribunal*)

It-Tribunal Industrijali u t-Tribunal tal-Appelli Industrijali mhumiex parti mill-istruttura tat-tribunali unifikata iżda huma appoġġati mill-HMCTS. Ir-rwol tagħhom huwa li jwettqu l-kompiti amministrattivi neċessarji sabiex ikunu jistgħu jiġu ddeterminati t-talbiet quddiem it-Tribunal Industrijali u l-appelli sussegwenti quddiem it-Tribunal tal-Appelli Industrijali. Hemm Tribunal tal-Appelli Industrijali separat għall-Iskozja.

It-Tribunali Skoċċiżi

Hemm għadd ta' tribunali fl-Iskozja. Il-biċċa l-kbira tal-ġuriżdizzjonijiet tat-tribunali jitmexxew minn president separat u kull wieħed minnhom għandu setgħat ta' eżekuzzjoni differenti. Il-ġuriżdizzjonijiet ivarjaw minn appelli kontra multi ta' parkeġġ ħażin sat-trattament obbligatorju u t-trażżin ta' pazjenti b'mard mentali serju.

L-appelli kontra d-deċiżjonijiet tat-tribunali Skoċċiżi jinstemgħu mill-qrati ċivili fl-Iskozja u jistgħu jiġu kkunsidrati mill-Qorti tax-Sheriff (Sheriff Court) u l-Qorti tas-Sessjoni (Court of Session).

Ir-Riforma tat-Tribunali Skoċċiżi

L-Att tal-2014 dwar it-Tribunali (l-Iskozja) stabbilixxa struttura ta' żewġ livelli simplifikata għat-tribunali Skoċċiżi. L-iktar imħallef anzjan tal-Iskozja, il-Lord President, għandu t-tmexxija tal-istrutturi l-ġodda, simili għall-mudell tar-Renju Unit deskritt hawn fuq. Il-Lord President iddelega għadd ta' funzjonijiet lil Lady Smith, li nħatret bħala l-President tat-Tribunal Skoċċiż. It-Tribunal Superjuri jieħu r-responsabbiltà għas-smigħ tal-parti l-kbira tal-appelli mid-deċiżjonijiet tal-ewwel istanza, u jneħħihom mill-ġuriżdizzjonijiet tal-qrati. L-amministrazzjoni tat-Tribunal tal-Ewwel Istanza u tat-Tribunal Superjuri ssir mis-Servizz tal-Qrati u t-Tribunali Skoċċiż (*Scottish Courts and Tribunals Service*). It-tribunali se jiġu ttrasferiti lejn it-Tribunali Skoċċiżi fi proċess gradwali, u l-ewwel trasferiment beda f'Diċembru 2016.

Il-prattika tat-Tribunali

Kumplessivament, il-proċedura fit-tribunali Skoċċiżi u tar-Renju Unit għandha t-tendenza li tkun inqas formali milli fil-qrati l-oħra. Il-membri tat-tribunali jistgħu jinkludu speċjalisti jew esperti mhux mill-qasam legali, bħal tobba u persuni mhux professjonisti, għalkemm il-president kważi dejjem ikollu kwalifiki fil-qasam legali.

Kwistjonijiet tad-dritt amministrattiv (stħarriġ ġudizzjarju) fl-Iskozja jinstemgħu mill-**Qorti tas-Sessjoni**. Aktar informazzjoni dwar it-Tribunali Skoċċiżi tinsab fis-sit web tal-Qrati u t-Tribunali Skoċċiżi.

Qrati speċjalizzati

Fl-Iskozja, meta kawża (ċivili jew kriminali) tqajjem kwistjoni kostituzzjonali li tirriżulta mid-devoluzzjoni mir-Renju Unit (pereżempju, kwistjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem), hija tkun tista' tiġi deċiża mill-Qorti Suprema tar-Renju Unit.

Il-Qorti tax-Sheriff għad-Danni Personali (*Sheriff Personal Injury Court*)

Din il-qorti ġiet stabbilita fit-22 ta' Settembru 2015 biex taġixxi bħala ċentru nazzjonali ta' għarfien espert f'kawżi ta' korriment personali. Il-kawżi ta' danni personali jistgħu jitressqu quddiem il-qorti jekk is-somma mitluba tkun ta' aktar minn £5 000. Il-partijiet għandhom ukoll l-għażla li jagħmlu talbiet ta' danni personali ta' kwalunkwe valur fil-Qorti tax-Sheriff lokali. Hemm dispożizzjoni speċjali għal kawżi ta' danni personali fuq il-post tax-xogħol: dawk għal aktar minn £1 000 jistgħu jitressqu direttament fil-Qorti tax-Sheriff għad-Danni Personali, filwaqt li kawżi fuq il-post tax-xogħol ta' inqas minn £1 000 jistgħu jintbagħtu lura lill-Qorti jekk ix-Sheriff lokali jqis li jkunu ta' importanza jew diffikultà suffiċjenti. Mit-22 ta' Settembru 2015 'l hawn, il-Qorti tas-Sessjoni m' għadhiex tista' tikkunsidra kawżi ta' danni personali ta' inqas minn £100 000.

Qrati oħrajn jinkludu:

Il-Qorti tal-Lord Lyon (*Court of the Lord Lyon*) — li tittratta kwistjonijiet tal-araldika

Il-Qorti Skoċċiża tal-Artijiet (*Scottish Land Court*) – li tittratta tilwimiet bejn sid il-kera u l-kerrej.

Ħoloq Relatati

Is-Servizz tal-Qrati u t-Tribunali tal-Maestà Tagħha

Il-Qorti tal-Lord Lyon

Il-Qorti Skoċċiża tal-Artijiet

L-aħħar aġġornament: 28/05/2020

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.